**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2013**

**Il-Ħames Sena** **Reliġjon** **Ħin: Siegħa u Kwart**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**A. Qabbel ma' xulxin billi tpoġġi n-numri fil-kolonna tan-nofs.**

*L-ewwel waħda hija eżempju.* **(10 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Mosè kien Lhudi | | Alla kbir, qawwi u qaddis. |
| 2. | Il-ġrajja ta' Mosè | | għaxra. |
| 3. | Alla għamel ftehim ta' ħbiberija speċjali | | siġra taqbad bla ma tinqered. |
| 4. | Alla ried isalva lil-Lhud | | lil missierek u 'l ommok. |
| 5. | La tixtieqx | | nsibuha fit-Testment il-Qadim |
| 6. | Il-kmandamenti huma | 1 | imma twieled fl-Eġittu. |
| 7. | Mosè ra | | boxxla |
| 8. | Il-Lhud qasmu | | mill-moħqrija tal-Eġizzjani. |
| 9. | Fis-siġra taqbad, Alla wera lilu nnifsu bħala | | ħwejjeġ tal-oħrajn. |
| 10. | Agħti ġieh | | l-Baħar tal-Qasab. |
| 11. | Il-kmandamenti huma bħal | | mal-poplu tiegħu fuq is-Sinaj. |

**B. Kompli dawn is-sentenzi billi żżid kelma waħda fl-ispazju li ssib.**

*L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.* **(10 marki)**

1. Samwel kien profeta.

2. Missier David kien jismu _______________.

3. Samwel ħa l-qarn biż-żejt u dilek lil _______________ quddiem ħutu.

4. David kien jaf idoqq tajjeb l- _______________.

5. "Kif qal il-Mulej, int tkun il- _______________ tal-poplu kollu."

6. _______________ huma innijiet lil Alla miktubin f'għamla ta' poeżija bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

7. It-talb jgħinna nikbru fit-triq it- _______________.

8. Fis-sagrament tal- _______________ l-Ispirtu s-Santu ġie fina u għamilna ulied ta' Alla.

9. David qatel lill-ġgant _______________.

10. Fis-sagrament tal-_______________ l-Ispirtu s-Santu jiġi fina bil-qawwa kollha tiegħu.



**Ċ. Immarka Veru jew Falz billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.** **(10 marki)**

*L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.*

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| **Eż.** | **Aħna nies ħajjin, u kull min hu ħaj jikber u jinbidel.** | ✓ | |
| 1. | Alla hu ħaj minn dejjem u jibqa' għal dejjem. | | |
| 2. | Alla ilu magħna sa minn meta għamilna l-preċett. | | |
| 3. | Isaija u Eżekjel kienu profeti. | | |
| 4. | Mosè ra lil Alla bilqiegħda fuq tron għoli. | | |
| 5. | Il-Mulej wera lil Eżekjel wied kbir b'ħafna għadam. | | |
| 6. | Aktar ma nitbiegħdu minn Alla aktar ikollna ħajja kerha. | | |
| 7. | Id-dnub imexxina fit-triq it-tajba biex inkunu aktar ferħanin. | | |
| 8. | Alla għażel lil Eliżabetta biex tkun Omm ta' Ibnu Ġesù. | | |
| 9. | L-Ispirtu s-Santu kien ma' Ġesù. | | |
| 10. | Alla bagħat lil Mosè għand Ġesse. | | |

**D. Dawn it-tfal jixbhu lil Ġesù? Immarka Iva jew Le billi tagħmel ✓ fil-kaxxa.**

*L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.* **(4 marki)**

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| Eż. | Daniela tmur iżżur il-morda. | ✓ | |
| 1. | Ben iħobb jgħin lin-nanna. | | |
| 2. | John qatt ma jitlob bil-qalb. | | |
| 3. | Petra taħqar l-annimali. | | |
| 4. | Kate tobdi lill-għalliema tagħha. | | |

**E. Wieġeb il-mistoqsijiet dwar Marija.** **(10 marki)**

1. Fejn kienet tmur Marija nhar ta' Sibt?

______________________________________________

2. X'qal l-anġlu Gabriel lil Marija?

______________________________________________

3. X' kien jisimha l-kuġina ta' Marija?

______________________________________________

4. Semmi żewġ kwalitajiet sbieħ li kellha Marija?

______________________________________________

5. Bis-saħħa ta' min Marija setgħet tagħtina lil Ġesù?

______________________________________________

**F. Ikteb talba biex titlob lil Mulej jaħfirlek dnubietek:** **(6 marki)**



______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

## G. Min jien? (10 marki)

Eż. Jien il-kuġina ta' Marija. Eliżabetta

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Sabitni t-tifla tal-Fargħun f'qoffa. | |
| 2. | Jien rajt dehra ta' wied kollu għadam. | |
| 3. | Jien ħabbart lil Marija li ser ssir Omm Ġesù. | |
| 4. | Jien il-mara ta' Mosè. | |
| 5. | Jien kont mastrudaxxa u l-għarus ta' Marija. | |
| 6. | Jien ktibt salmi mill-isbaħ lil Alla. | |
| 7. | Aħna t-tnax konna nkunu ma' Ġesù. | |
| 8. | Jien rajt dehra ta' Alla mdawwar bl-anġli. | |
| 9. | Jien noqgħod Betlehem u ibni jismu David. | |
| 10. | Jien il-qaddejja tal-Mulej. Isir minni skont kelmtek. | |

## Ġ. Wieġeb (10 marki)

1. Għaliex il-kmandamenti huma sinjal li Alla jħobbna?

______________________________________________

______________________________________________

2. Aħna għaliex nistgħu ngħixu u nikbru?

______________________________________________

______________________________________________

3. Għaliex lil Alla ma narawhx f'din id-dinja?

_______________________________________________

_______________________________________________

4. X'inhuma s-salmi?

_______________________________________________

_______________________________________________

5. X'kienu l-profeti?

_______________________________________________

_______________________________________________

**GĦ. Liema kmandament qed iħarsu dawn it-tfal?** **(10 marki)**

1. Martha tmur il-quddies kull nhar ta' Ħadd.

_______________________________________________

2. John jobdi lil ġenituri tiegħu.

_______________________________________________

3. Marija xtaqet tieħu l-flus ta' ħuha imma ma ħadithomx.

_______________________________________________

4. Matthew qatt ma juża l-isem t'Alla għalxejn.

_______________________________________________

5. Miriam dejjem tgħid il-verità.

_______________________________________________

**H. Aqra sew dan il-paragrafu. Imla l-vojt bil-kliem li ssib fil-kaxxa.**

**(10 marki)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| dielja | l-eżempju | kbira | Ġesù | Imgħallem |
| ragħaj | perfett | bħalu | sabiħa | Missieru |

Ġesù twieled fostna bħala l-aktar bniedem _______________ li qatt kien hawn u qatt jista' jkun hawn. Il-ħajja tagħna tista' tkun _____________ u ______________ jekk tkun tixbah lil tiegħu. Ġesù għaqqadna miegħu, bħal friegħi mad-______________. Biex inkunu nixbhu lil Ġesù, irridu nagħżluh bħala l-akbar ________________ tagħna u nobduh. Aħna rridu nisimgħu l-leħen ta' Ġesù bħalma n-nagħaġ jisimgħu leħen ir-________________ tagħhom.

Biex inkunu ma' Ġesù, irridu wkoll nimxu fuq ________________ tiegħu. Ġesù jgħidilna biex inħarsu lejh u nagħmlu _____________. Naraw kif hu kien jitlob lil __________________ tas-sema. L-Ispirtu s-Santu jrid jgħinna nkunu bħal _______________ biex bħalu nikbru u jkollna ħajja sabiħa.



**Ħ. Ikteb ħames sentenzi fuq WIEĦED minn dawn:**

**Immarka liema wieħed tagħżel:** **(10 marki)**

| Mosè | **jew** | **David** | **jew** | **Marija** |
|---|---|---|---|---|







__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

__________________________________________________

TMIEM